# Fuq tal-Għolja

## (ĦSIEBIJIET)

Sewwa jgħid il-Malti: "Drawwa li trabbejt fiha il-kefen ineħħiha".

F'żogħriti, għal ħabta tal-ħarifa, meta l'arja tibred u l-art tibda tiħdar, konna niltaqgħu xi erbgħat itfal, nhar ta' Ħadd wara nofs inhar, u mmorru nimirħu qalb ir-raba', leju tal-Għolja, il-Buskett, jew Ġnien iż-Żgħir.

Meta mmorru fuq tal-Għolja konna nieqfu fuq il-quċċata tagħha, u meta nixbgħu nħarsu fil-bgħid fuq raba' widien u rħula noqogħdu nħażżu isimna b'xi musmar jew xi xafra fuq il-wiċċ tal-ħaġar mieles taż-żewġ knejjes li jinsabu hemm.

Iż-żmien għadda. Is-snin tgerrbu fid-dagħbien tal-imgħoddi, imma d-drawwa ta' żogħriti għadha ħajja. Kull sena għal ħabta tal ħarifa, inħoss il-ħtieġa li noħroġ xi ħarġa l-barra: li ngħaddi mill-widien, li nitla' fuq xi għolja u nieħu x'erbgħat infies indaf.

Hekk għamilt mela nhar ta' Ħadd ftit tal-jiem ilu. Wasalt sas-Siġġiewi bil-karrozza u minn hemm ġbidt għal tal-Għolja bil-mixi. Tlajt it-telgħa bil-qajla, wasalt ħdejn is-Salib u qagħadt bil-qiegħda fuq it-tieni tarġa tal-knisja.

Hemm fuq l-ewwel tarġa, jinsab wieħed mill-ismijiet li ħaffirt jien b'xafra ta' mus fi ċkuniti, niftakar, fil-ħarifa tal-1912—ħamsa u għoxrin sena ilu. Ftit wara li ħażżiżtu xi ħadd rah u ried iħassru. Ħassar chif seta' l'isem u ħalla sħiħ il kunjom. Hemm għadu. It-tarġa swiedet u l-isem intela' bil-ħażiż, imma hemm għadu, fejn ktibtu jiena ħamsa u għoxrin sena ilu.

Bil-qiegħda fuq dik it-tarġa, fis-skiet u fil-beraħ, qagħadt inħares fil-bgħid fuq Malta bil-għajnejn tal-ġisem u fil-bgħid fuq ħajti bil-għajnejn tal-moħħ. X'qabża hemm bejn dak is-sabi ta' dari li ħaffer dak l-isem u r-raġel tal-lum, li huma jiena! Ġieni fi ħsiebi il-kliem ta' Seneca: Nescitis quia homo quotidie mori? u qagħadt nitħassar tfuliti, li mietet għal dejjem, bħal ma kont qagħadt fuq dik it-tarġa n-nfisha, ferħan b'rġuliti li għadha ġejja, ħamsa u għoxrin sena ilu!

Kemm tbiddelt jien u kemm tbiddlet id-dinja ma' tul dawn il-ħamsa u għoxrin sena! Minn fuq id-dinja għaddiet gwerra kbira u bosta gwerer żgħar li biddlulha surita; u minn fuqi ukoll għaddiet gwerra kbira u bosta gwerer żgħar li biddluli ħsebijieti.

Qabdet il-gwerra fl-Europa, għax il-mexxejja tal-ġnus tagħha warrbu r-raġuni u riedu jagħlbu l-xulxin bis-saħħa. Niftakar fil-għoli tal-ħajja; fl-istampi fil-gazzetti fuq il-gwerra; fil-ljeli bla dawl, u fit-tibdil tal-ħinijet.

Inktibt suldat f'April 1918 u hekk dħalt fl'ewwel tiġrib tiegħi tal-ħajja. Inħraqt fis-sajf bis-sħana li tixwi tax-xemx, waqt is-sigħat twal tal-għases ta' bin-nhar, taħt is-swar ta' Verdala; u rżaħt fix-xitwa bil-kesħa li tqaxxar tar-riħ, waqt is-sigħat twal tal-għases ta' bil-lejl, fuq iċ-ċnut tagħhom.

Ħriġt minn suldat u tlaqt minn Malta. Għamiltha ma nies, nista' ngħid, ta' kull ġens li fiha d-dinja: mis-suwed tal-Afrika sas-sofor tas-Siberja. Uħud għal żmien twil, u uħud għal ftit jiem biss, jew għal ftit siegħat—li għaddew minn ħajti u għabu bħal ma tgħaddi u tgħib kometa minn wiċċ is-sema.

Irġajt lejn Malta wara tnax-il-sena. Sħabi, is-subien ta' dari, sibthom irġiel magħmula—qishom kollha miżżewġin u missirijiet ta' familja. Dari konna subjien aħna u rġiel missirijietna; issa missirijietna xjieħu jew mietu, aħna sirna rġiel, u uliedna il-miżżewġin li dari ma kienu ebda, daħlu f'imkienna.

X'inhu dan it-tibdil? X'inhi din il-ħajja? Hija l-ħajja li tagħmel il-ġrajjiet jew il-ġrajjiet li jagħmlu lilha? Min jista' qatt jaf?

Ħamsa u għoxrin sena ilu kont sabi nitla' niġri t-telgħa tal-Għolja ma' sħabi subjien bħali—qalbi mimlija bit-tama fli jista' jġib iż-żmien li ġej. Issa sirt raġel; tlajt it-telgħa nfisha qajla qajla, waħdi, b'qalbi magħfusa bis-sogħba għal dak li ġieb iż-żmien li mar.

Jekk inħares lejn ħajti fil-wiċċ tagħha u nqisha ma' ħajjet il-kotra, nibża u nitnikket, għax inħoss li ma' tul dawn il-ħamsa u għoxrin sena ħajti kienet ħajja nieqsa, ħajja mqita, ħajja ta' taħbit għal xejn—għax ma ħadtx ħsieb inhenni lili n-nifsi meta ġietni n-newba u tatni l-jedd. Imma jekk inħares lejn il-qiegħ tagħha nifraħ u nithenna, għaliex inħoss li ma għamiltx ġid lili n-nifsi għal biża' li nagħmel ħsara lill-oħrajn. Għax sewwa qal Lawrence of Arabia li n-nies fid-dinja huma bħal kmamar f'xeħda tan-naħal: ebda kamra ma tista' tikber jekk ma tieħux il-wisa tal-oħrajn.

Kif jista' jasal bniedem li jnikket lill-għajru biex jit-hennaħu n-nifsu, hi ħaġa li qatt ma setgħet tidħol f'moħħi. Niket jew hena, mhux erbgħa u għoxrin siegħa fih il-jum? Daħk jew biki, ma jagħddux xorta waħda? Il-ħajja tal-bniedem la darba tgħaddi qiesha qari ta' ktieb. Tkun taf biss x'ġara, u milli ġara ma jifdal xejn.

Issa qiegħed bil-qiegħda fuq din it-tarġa; ħamsa u għoxrin sena ilu kont bil-qiegħda fuq din it-tarġa. Tgħid, ħamsa u għoxrin sena oħra, fejn inkun? Inkun għadni ħaj fid-dinja jew mejjet taħt it-trab?

Kemm nies mietu minn ħamsa u għoxrin sena! U sa ħamsa u għoxrin sena kemm għad imutu nies! Minn kemm ili li ktibt dan l'isem kemm ħbieb tiegħi, daqsi, ftit akbar

ftit iżgħar. mietu! Miet Troisi u miet Cilia, tnejn mill-egħżeż ħbieb li kelli Malta; miet Orfali u miet Dell' Edera tnejn mill-egħeżeż ħbieb li kelli barra. Meta sa jasal riħi wkoll?

X'ħaġa! fil-qiegħ nett ta' qalbu Bin Adam daqs kemm għandu mħabba għandu wkoll mibgħeda, u t-tnejn, daqs li l-insew iċaqalquh u jinġibed għal dak li jħobb mhux anqas milli jinġibed għal dak li jobgħod. Tħittex ħabib biex tgħidlu kelma ta' ferħ u tħittex għadu biex tgħidlu kelma ta' tniggiża. Tara żgħażagħ jaqbżu mill-għoli ġol-baħar biex iħossu huma u nieżlin dik it-tkexkixa tal-biża'.

X'inhi il-mewt? X'inhi qatt dik il-waqfa tal-ħsus kollha? Għaliex tmiem il-ħajja hija l-mewt? U la darba kull ħaj għandu jmut, għalfejn qiegħed jgħix fid-dinja?

Ngħid għalija, fil-għemiq ta' ruħi inħossni li rrid ngħix għal ħaġa waħda għal dak il-ħin qasir ta' għafjet mewti. Immut kif immut, bil-mard jew bil-herra, bil-għaġla jew bil-qajl, irrid immut mingħajr indiema, hieni bil-għemil ta' ma' tul ħajti.

Fid-dinja kulħadd emir u kulħadd mamur tiegħu n-nifsu, kulħadd sid u kulħadd qaddej; kulħadd għabid u kulħadd sultan. Waqt mewti ma rridx ngħid bħal Ġesù "Eli, lamma żabaktni?" (Dan ukoll għedtu, ilu żmien) anqas bħar-re Ġorġ V, insaqsi "How is the Empire?" imma rrid nistqarr bis-safa tal-aħħar nifs ta' sidri, bħal ma stqarr Nelson f'siegħet mewtu: "I am glad to have done my duty".

* * *

Dawn kienu bejn wieħed u ieħor il-ħsebijiet li għaddew minn moħħi kif kont bil-qiegħda fuq it-tarġa tas-Salib tal-Għolja, sewwa sewwa fejn qagħadt inħaffer ismi, ħamsa u għoxrin sena ilu.

L. Cutajar